Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2024/2791

31.10.2024

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/2791

tad-29 ta' Jannar 2024

li jemenda l-Anness tar-Regolament (UE) Nru 609/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex jippermetti l-użu tal-kaseinat tal-ħadid tal-ħalib bħala sors ta' ħadid fis-sostituti tad-dieta kollha għall-kontroll tal-piż u fl-ikel għal skopijiet mediċi speċjali, minbarra l-ikel għat-trabi u t-tfal żgħar

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 609/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar ikel maħsub għat-trabi u t-tfal żgħar, ikel għal skopijiet mediċi speċjali, u bħala sostitut tad-dieta kollha għall-kontroll tal-piż u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 92/52/KEE, id-Direttivi tal-Kummissjoni 96/8/KE, 1999/21/KE, 2006/125/KE u 2006/141/KE, id-Direttiva 2009/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 41/2009 u (KE) Nru 953/2009 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 16(1) tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness tar-Regolament (UE) Nru 609/2013 jistabbilixxi lista tal-Unjoni ta' sustanzi li jistgħu jiġu miżjuda ma' kategorija tal-ikel waħda jew aktar imsemmija fl-Artikolu 1(1) ta' dak ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/949 ([2]) awtorizza l-użu tal-kaseinat tal-ħadid tal-ħalib bħala ikel ġdid fl-ikel għal skopijiet mediċi speċjali, fost prodotti oħra, minbarra l-ikel għat-trabi u t-tfal żgħar u bħala sostitut tad-dieta kollha għall-kontroll tal-piż, soġġett għal ċerti kundizzjonijiet.

(3) Matul il-proċess tal-awtorizzazzjoni, fl-4 ta' Awwissu 2022, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") ħarġet opinjoni xjentifika ([3]) li fiha kkonkludiet li l-kaseinat tal-ħadid tal-ħalib huwa sikur fil-kundizzjonijiet tal-użu proposti u li huwa sors li minnu l-ħadid huwa bijodisponibbli.

(4) Il-Kummissjoni tqis li l-opinjoni tal-Awtorità tagħti biżżejjed raġunijiet biex jiġi stabbilit li l-kaseinat tal-ħadid tal-ħalib, kif awtorizzat bir-Regolament (UE) 2023/949, mhuwiex ta' ħassib għas-sikurezza bħala sors ta' ħadid meta jintuża fl-ikel għal skopijiet mediċi speċjali, minbarra l-ikel għat-trabi u t-tfal żgħar u fis-sostituti tad-dieta kollha għall-kontroll tal-piż. Għalhekk, huwa xieraq li jiġi permess l-użu tal-kaseinat tal-ħadid tal-ħalib bħala sors ta' ħadid fl-ikel għal skopijiet mediċi speċjali, minbarra l-ikel għat-trabi u t-tfal żgħar u bħala sostitut tad-dieta kollha għall-kontroll tal-piż.

(5) Għalhekk, jenħtieġ li dik is-sustanza tiġi inkluża fil-lista tal-Unjoni ta' sustanzi li jistgħu jiġu miżjuda ma' ċerti kategoriji ta' ikel.

(6) Għalhekk, jenħtieġ li l-Anness tar-Regolament (UE) Nru 609/2013 jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness tar-Regolament (UE) Nru 609/2013 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

([1]) ĠU L 181, 29.6.2013, p. 35.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/949 tat-12 ta' Mejju 2023 li jawtorizza l-introduzzjoni fis-suq tal-kaseinat tal-ħadid tal-ħalib bħala ikel ġdid u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470 (ĠU L 128, 15.5.2023, p. 60).

([3]) Bord tal-EFSA dwar l-NDA. Safety of iron milk proteinate as a novel food pursuant to Regulation (EU) 2015/2283 and bioavailability of iron from this source in the context of Directive 2002/46/EC, *EFSA Journal* 2022;20(9):7549.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Jannar 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Fl-Anness tar-Regolament (UE) Nru 609/2013, fil-kategorija tas-sustanza "Minerali", taħt "Ħadid", tiżdied l-entrata li ġejja wara l-entrata "L-pidolat ferruż":

"kaseinat tal-ħadid tal-ħalib (*)			X (fi prodotti mhux maħsuba għat-trabi u għat-tfal żgħar)	X

(*) Kif elenkat fil-lista tal-Unjoni ta' ikel ġdid fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470."